MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tas-6 ta' Lulju, 2006

Citazzjoni Numru. 41/2006

**A-B C sive C D**
**Vs**
**E F nee' G**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu r-rikorrenti ddikjara u talab hekk:

Illi dan iz-zwieg huwa null u bla effett peress li l-kunsens ta' l-intimata kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u obbligi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew stante li kien hemm anomalija psikologika serja li ghamlitha impossibli ghall-intimata li twettaq l-obbligi essenzjali taz-zwieg.

Illi l-kunsens tar-rikkorrenti nkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi

essenzjali tal-hajja mizzewga jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg.

Ghaldaqstant, tghid l-intimata ghar-ragunijiet premessi ghaliex m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u moghtija l-provvedimenti opportuni:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg kuntrattat bejn il-kontendenti fit-tmienja u ghoxrin (28) ta' Gunju tas-sena 2001, huwa null u minghajr effett legali ai termini ta' l-artikolu 19 subartikolu 1 paragrafi (d) u (f) ta' l-Att XXXVII ta' l-1975 dwar iz-Zwieg (Kap 255).

2. Konsegwentement tordna li din in-nullita' tigi registrata fuq l-Att taz-Zwieg relattiv.

Bl-ispejjez kontra l-intimata li tibqa' ngunta minn issa ghas-subizzjoni.

Rat li l-intimata debitament notifikata ghazlet li tibqa' kontumaci;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna r-rikorrent qed jitlob minn din il-Qorti, dikjarazzjoni gudizzjarja fis-sens li z-zwieg kuntrattat minnu ma' l-intimata fit-28 ta' Gunju 2001 huwa null fil-ligi fit-termini tal-paragrafi [d] u [f] ta' l-Artikolu 19[1] tal-Kap.255.

Illi l-Qorti semghet lill-rikorrent jiddeponi u taghtih affidament.

Mill-provi rrizulta mhux kontraddett li fit-28 ta' Gunju 2001 ir-rikorrent izzewweg lill-intimata wara gherusija qasira ta circa tlett xhur. Wara konvivenza ta' circa gimghatjen il-

koppja nfirdet u r-rikorrent mar jghix il-Marsa filwaqt li l-intimata baqghet tghix f' Bugibba mal-familjari taghha.

Ir-rikorrent jispjega li qabel iz-zwieg huma ma kellhomx x'jaqsmu flimkien, filwaqt li wara z-zwieg l-intimata kienet riluttanti li jkollha x' taqsam mieghu, u meta okkazjonalment kienet taccetta li jkollha relazzjoni intima mieghu hija kienet tiehu l-prekawzjonijiet biex ma jkollhomx tfal. Di fatti r-rikorrent jghid li mill-bidu nett l-intimata kienet ghamlitha cara mieghu, u dwar dan kienet kategorika, li hija ma rieditx tfal minn din iz-zwieg. B' hekk minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal.

Ir-rikorrent isemmi okkazzjoni meta huwa kien sejjer l-Egittu u l-intimata talbitu jgib mieghu somma ta' flus sabiex tkun tista' tixtri xi ghamara u tarma d-dar; izda meta r-rikorrent gab dawn il-flus innota li l-intimata kienet hadithom ftit ftit u ma kienet xtrat xejn ghad-dar.

Sussegwentement sar jaf li l-intimata kienet tmur id-Detox biex tiehu l-methadone.

Illi f' dan il-kaz il-Qorti ittrravvisa da parti ta' l-intimata l-caput nullitatis kontemplat fil-paragrafu [f] ta' l-Artikolu precitat.

In propositu gie osservat fil-kawza *PA Brigitte Veneziano Broccia vs Avk.Dr.Joseph Sammut noe deciza 9.12.2002*, is-simulazzjoni tiehu l-forma ta' dak li fid-duttrina civili hu deskritt bhala *colorem habens substantiam vero nullam* li b' konsegwenza jirrendi l-kuntratt bhala interament fittizju. Jkun hemm simulazzjoni f' kuntratt taz-zwieg meta fil-mument ta' l-ghoti tal-kunsens matrimonjali, parti jew it-tnejn, esternament turi li qed taghti l-kunsens matrimonjali, izda internament u b' att pozittiv tal-volonta' taghha tkun qed tichad il-kunsens ghal dak iz-zwieg [simulazzjoni totali] jew tkun qed teskludi xi element jew proprjeta' essenzjali ghaz-zwieg [simulazzjoni parzjali] [*PA Muscat vs Borg Grech – 14.08.1995; Alfred Tonna vs Maria Tonna – 31.01.1996*]

Fil-kaz odjern jirrizulta ghas-sodisfazzjon tal-Qorti li, ghalkemm esternament l-intimata kienet tat il-kunsens matrimonjali, izda internament hija kienet eskludiet obligazzjonijiet essenzjali ghall-hajja matrimonjali bazata fuq il-kuncett ta' unjoni permanenti, esklussiva u rrevokabbli diretta lejn hajja in komuni bazata fuq ir-rispett reciproku, il-prokreazzjoni ta' l-ulied u t-trobbija taghhom. Jidher car li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens l-intimata kienet eskludiet b'att posittiv tal-volonta' taghha li taderixxi ruhha ma' dawn l-obbligazzjonijiet, senjatament dak tal-konvivenza u l-prokreazzjoni u trobbija tat-tfal. Il-Qorti tosserva li l-provi juru li l-intimata kienet eskludiet iz-zwieg innifsu, u jidher li kienet izzewwget lir-rikorrent bl-iskop uniku li jkollha fonti ta' introjtu, u eskludiet l-obbligazzjonijiet matrimonjali.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hi tal-fehma li l-kunsens matrimonjali ta' l-intimata kien vizzjat b' eskluzzjoni posittiva ta' obbligi essenzjali tal-hajja matrimonjali fit-termini tal-paragrafu [f] ta' l-Artikolu 19[1] Kap.255

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa' t-talba tar-rikorrenti u fis-sens tal-konsiderazzjonijiet premessi tiddikjara null u bla effett fil-ligi iz-zwieg ikuntrattat bejn il-partijet fit-28 ta' Gunju 2001.

L-ispejjez a kariku ta' l-intimata.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------